## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar, 2020**

**Talba Nru: 134/2019PM1**

**Fremond Limited (C20339)**

**Vs**

**David John Lunn (K.I. 113841(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Gunju, 2019 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li t-Tribunal jiddikjara li l-konvenut huwa debitur taghha fis-somma komplessiva ta' tlet elef, mija u tnejn u ghoxrin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€3122.28) rapprezentanti arretrati ta' kera ta' vettura ghax-xhur ta' Dicembru 2018, Jannar, Frar u Marzu 2019 liema arretrati jammontaw ghas-somma ta' elf seba' mija u erbgha u tmenin euro u sittax-il centezmu (€1784.16) u penali ghat-terminazzjoni mhux gustifikata tal-kuntratt ta' kiri relattiv mill-konvenut, liema penali jammontaw ghas-somma ta' elf, tliet mija u tmienja u tletin euro u tnax-il centezmu (€1338.12) u kwindi t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas tali somma bl-imghaxijiet u bl-

ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 7 ta’ Mejju, 2019 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba, senjatament il-ftehim ta’ kiri ta’ vettura u l-ittra legali datata 7 ta’ Mejju, 2019.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat la ressaq risposta wisq anqas ma deher ghas-seduti ffissati.

Illi waqt is-seduta tas-16 ta’ Dicembru, 2019 l-avukat tas-socjeta` attrici prezenta seduta stante kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess konvenut.

Illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra, dan anke ghaliex is-somma mitluba tirrizulta mid-dokumenti ezebiti. Fir-rigward tal-ispejjez dawn ukoll ghandhom konsegwentement jithallsu mill-konvenut salv ghal dawk konernanti l-ittra legali liema spejjez ma gewx likwidati f’dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talbiet attrici u filwaqt li jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta’ tlet elef, mija u tnejn u ghoxrin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€3122.28) rapprezentanti arretrati ta’ kera ta’ vettura u penali ghat-terminazzjoni mhux gustifikata tal-kuntratt ta’ kiri relattiv, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess somma bl-imghaxijiet u bl-ispejjez tal-procedura odjerna kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**